MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 12/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Jannar, 2011 għall-ħabta ta' 20.00 hrs fi Pjazza Carlo Diacono u fit-Triq San Pawl, Zejtun

1. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' waqt li kien fi zmien ta' sospenzjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D);
2. saq vettura nurmu CRX 028 tal-marka 'Honda' minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;
3. saq vettura numru CRX 028 b'manjiera perikoluza;

4. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija PC 813 C. Vella persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu.
U aktar talli fl-istess data għall-ħabta tat-19.45 fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill Żejtun

5. Volontarjament kiser il-kwiet tal-pubbliku jew il-bon ordni bl-għajjat;

6. Insultenta lil WPS 152 S Haber, WPC 257 L.Fenech u lil PC 813 C.Vella persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

7. Kif ukoll sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 19 ta’ Frar 2010 (Imħallef Dr.D.Scicluna) u sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 22 ta’ Ġunju 2010 (Maġistrat Dr.A. Micallef Trigona LL.D.) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li lliberatu mit-tielet akkuza, sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni, r-raba`, l-hames, is-sitt u s-seba` akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu piena ta’ priġunerija ta’ tliet (3) xhur.

Il-Qorti ukoll a tenur ta’ l-artikolu 15 tal-Kap. 65 skwalifikat lill-appellant ghal zmien sitt (6) xhur milli japplika għal-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li ma kienx hati tat-tielet akkuza, izda tilliberah mill-akkuzi fejn instab hati u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi minghajr pregudizzju hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa u gusta.

Ikkonsidrat

Illi fis-seduta tad-19 t'April, 2012, l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell minħabba li l-fatti fil-qosor ma jkoprux l-ewwel tliet imputazzjonijiet.

Il-Qorti għalhekk eżaminat dak li qal l-appellant dwar il-fatti fil-qosor. Effettivament din kienet is-sentenza li nkitbet fir-rikors:

'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija, kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Biex tagħti ġudizzju dwar din l-eċċezzjoni l-Qorti eżaminat l-affidavits li kienu ppreżentati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u semgħet lir-rappreżentant tal-Awtorita' tat-Trasport bil-ġurament.

Ix-xhud, is-sur Brian Farrugia, ikkonferma li l-liċenzja tas-sewqan tal-appellant kienet iritirata f'Awwissu tas-sena 2000.

Mill-affidavits jirriżulta dan li ġej:

(i) WPS 152 S Haber li qal li l-appellant beda jgħajjat u jkun arroganti għax ma riedx li jistenna wara persuna oħra. Huwa u ħiereġ mill-għassa insolenta tliet uffiċjali tal-Pulizija billi għajjarhom 'demel'. L-appellant intalab ma jsuqx il-vettura CRX-028 għax l-appellant m'għandux liċenzja tas-sewqan. L-appellant injora dan u telaq bis-saħħa minn fuq il-post;

(ii) PC 813 C.Vella kkonferma dak dak li qalet WPS 152 S Haber.

(iii) WPC 257 MLFenech ikkonfermat dak li qal iż-żewġ uffiċjali fl-affidavits tagħhom. Hija spjegat ukoll kif l-appellant kien talabha tagħmel telefonata lill-Korporazzjoni Enemalta biex jirrapporta l-ħsara fis-sistema tad-dawl u imbagħad ma riedx jgħaddi n-numru tat-telefon lill-pulizija. B'hekk ir-rapport ma setax isir.

Ikkonsidrat
Li l-ewwelnett jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament xieraq tal-provi. Fil-fatt saħansitra lliberatu mit-tielet imputazzjoni għaliex ma sabitx provi għaliha. Ir-reċidiva hija wkoll ippruvata. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant huwa għal kollox infondat u qed ikun miċħud.

Dwar it-tieni aggravju – jiġifieri jekk is-sentenza hix ekwa – il-Qorti qed issib li din hija fil-parametri tal-Liġi speċjalment meta wieħed iqis li l-appellant huwa reċidiv.

**L-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali**

Huwa veru li m'hemmx għalfejn il-fatti fil-qosor jispiċċaw f'ħafna tul għal xejn. Iżda wieħed kien jistenna li jsir aċċenn għal dawk il-fatti li m'għandhomx x'jaqsmu mas-sewqan. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni u qed tiddikjara l-appell irrit u null.

**Konklużjoni**

Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad l-appell għax huwa rrit u null. Is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-21 ta' Diċemberu 2011 qed tkun ikkonfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------